MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 28/2005/1

**Emmanuel Zahra**

**vs**

**Malta Maritime Authority u Direttur tal-Portijiet**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Mejju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-awtorita' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi tirrifondi lil Emanuel Zahra l-ammont ta' elfejn, mija u dsatax –il Lira Maltin u hamsin centezmu,

(LM2,119.50,0), flus lilha indebitament imhallsa bhal 'laid up dues' fir-rigward tal-vapur, MFV Manuel, li mhumiex dovuti skond il-ligi, bl-imghax legali mid-data tal-pagament maghmul u bl-ispejjez;

2. Illi l-awtorita' konvenuta hi ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-awtorita' konvenuta datata s-16 ta' Marzu tas-sena 2005, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-Awtorita' konvenuta osservat il-ligijiet u r-regolamenti applikabbli meta talbet il-hlas ta' l-ammont pretiz mill-attur, u tali talba ghal hlas saret wara li l-istess awtorita' ddikjarat li l-bastiment MFV Manuel kien 'laid up', ("bastiment qieghed"), ghall- iskopijiet tar-Regolamenti ta' l-1977 dwar id-Drittijiet tal-Portijiet;

2. Illi ghalkemm il-bastiment MFV Manuel kien irregistrat bhala "fishing vessel", fil-verita' ma kienx qed jintuza ghas-sajd, u ghalhekk kien fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorita' li tiddikjarah qieghed, ("laid up"), skond l-Artikolu 2 ta' Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta (Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid:

" … l-Awtorita' tista' … fid-diskrezzjoni taghha tiddikjara li dghajsa jew ingenji tal-bahar ma jkunux uzati biss ghad-divertiment jew ghall-industrija tas-sajd … u kull bastiment bhal dak jitqies bhala bastiment qieghed";

3. Illi ghalhekk l-ammont mitlub mill-attur kien dovut lill-Awtorita' konvenuta u l-istess konvenuta m'ghandha thallas ebda rimbors;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur huwa l-proprjetarju ta’ l-MFV Manuel li ghandu n-numru MFV – 298;

2. Illi dan l-vapur jintuza ghall-skopijiet ta’ sajd b’mod esklussiv;

3. Illi fis-sena 2000 l-istetss vapur ghamel zmien inoperanti ghaliex kien qed isirlu manutenzjoni;

4. Illi in effetti sussegwentement, ghas-snin 2001 – 2003 l-istess Awtorita’ konvenuta kienet ukoll rilaxxat certifikat li l-istess vapur kien operanti;

5. Illi pero’ ghas-snin 2004 – 2005 l-istess Awtorita’ rrilaxxat certifikat li l-vapur de quo kien inoperanti ghaliex kien dahal fi skema governattiva biex ikun jista’ jsirlu amaljorazjoni estensiva;

6. Illi l-ammont mitlub mill-attur fl-avviz odjern hu dovut ghal “laid up fees” minnu mhallsa lill-Awtorita’ konvenuta;

7. Illi effettivament jirrizulta li kien hallas l-ammont minnu pretiz taht protesta;

8. Illi l-attur, waqt li jsostni li ma ghandu l-ebda obbligu li jhallas dawn il-pagamenti allura intavola din il-procedura biex l-ammont minnu gia’ mhallas lill-Awtorita’ konvenuta jigi lilu rifuz;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti kif fuq esposti huma nnegati mill-Awtorita’ konvenuta u in sintesi, din issostni s-segwenti:

1. Illi l-vapur meritu tal-procedura odjerna ingieb Malta biex jinbiegh;

2. Illi effettivament l-istess vapur jirrizulta li kien mitluq ma jiccaqlaqx fil-port u dam hekk ghal mhux inqas minn tlett (3) snin;

3. Illi sussegwentement il-vapur inbiegh mill-attur u qieghed issa jintuza fl-industrija tas-sajd;

4. Illi vapuri li jkunu qed jintuzaw fl-industrija tas-sajd ma jhallsux “laid up fees’;

5. Illi l-vapur de quo fis-snin ta’ kemm dam mitluq fil-port, ma kienx qed jintuza ghas-sajd izda kien biss mitluq, jokkupa spazju prezzjuz inutilment, liema spazju seta’ facilment ikun okkupat b’mod aktar fruttiferu;

6. Illi ghalhekk, l-ammont ta’ “laid up fees” imhallas mill-attur kien legittimament dovut;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-vapur de quo ghamel perjodu ta’ tlett (3) snin abbandunat ghal kollox fil-port;

2. Illi ma jirrizultax li f’dan il-perjodu kien qed isirlu xi manutenzjoni jew li kien qed jintuza fl-industrija tas-sajd;

3. Illi hu fil-mansjoni ta’ l-Awtorita’ konvenuta li meta tara li bastiment ma jkunx qed jigi wzat ghal perjodu ta’ erbatax (14) –il gurnata, din, tramite d-direttur, ghandha l-fakulta’ li timponi l-“laid up fees” skond il-ligi;

4. Illi jekk hemm xi haga li hi censurabbli hu l-fatt li l-Awtorita’ baqghet inattiva fir-rigward ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin shah nonostante li jidher li kontijiet fir-rigward kienu jintbaghtu kull erbatax (14) –il gurnata;

Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li l-eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' konvenuta jimmeritaw l-avall ta' din il-qorti u konsegwentement tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez."

L-attur jiccensura lill-ewwel Qorti bil-kontenzjoni illi din ghamlet apprezzament inkorrett u inkomplet tal-fatti u valutazzjoni zbaljata tal-punt ta' dritt. Fil-qosor ghal dak li jikkoncerna l-fatti l-appellanti jissottometti illi l-bastiment tieghu kien registrat bhala "*fishing vessel*", li dan kien jintuza ghal daqshekk u li, f' kull kaz, bejn Awissu 2002 u Frar 2003 kienu qed isiru tiswijiet fuqu. Mill-punto di vista tad-dritt l-appellanti jissottometti illi in bazi ghall-fatti dedotti l-bastiment ma kellux jigi assoggettat ghall-"*laid up dues*". F' dan il-kuntest l-appellanti jirrikorri ghad-definizzjoni li l-Kapitolu 352 jaghti lill-espressjoni "bastiment qieghed";

Fit-twegiba taghha l-Awtorita` konvenuta brevement tissottometti dan li gej:-

(1) Anke jekk il-bastiment kien registrat bhala "*fishing vessel*" hi kellha d-diskrezzjoni li tiddikjarah "*laid up*";

(2) Fil-perijodu ghal liema l-appellanti ntalab li jhallas ir-rati portwali ghal "*laid up vessel*" , il-bastiment ma kienx qed jintuza ghas-sajd u kien mitluq;

(3) *Ergo*, is-sentenza appellata hi logika u gusta u ma kellhiex tigi disturbata minn din il-Qorti;

Fuq din l-ahhar senjalazzjoni ta' l-Awtorita` appellata ma jkunx inopportun li jigi anke hawn ghal darb' ohra ribadit illi l-Qorti adita mill-mertu ghandha poteri ampjament diskrezzjonali fir-rigward tar-rizultanzi probatorji, sew dokumentali jew testimonjali. Hu difatti ferm pacifiku illi l-ezami ta' l-attendibilita` u l-kredibilita` tal-provi, l-ghazla ta'

dak ritenut mir-rizultanzi probatorji l-aktar idoneju biex isostni l-motivazzjoni, jinvolvu dak l-apprezzament ta' fatt rizervat lill-Qorti ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha. Naturalment hu mistenni li dak l-apprezzament ikun wiehed komplet tad-diversi elementi ta' provi, processwalment akkwiziti;

Ghal dak li hi s-sustanza rilevanti, is-sentenza appellata tissofferma fuq dawn il-fatti. L-ewwel fatt migjub hu li l-bastiment ta' l-attur ghamel tliet snin mitluq fil-port. It-tieni fatt hu li matul dan iz-zmien il-bastiment ma ntuzax ghas-sajd u lanqas ma saritlu manutenzjoni. L-appellanti jikkontesta dawn il-konstatazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti bis-sottomissjoni principali illi dik il-Qorti skartat ghal kollox certi fatti ohra importanti emanenti mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti u dan igib l-inkongruwita` tal-motivazzjoni ta' l-apprezzament relattiv li sar. Il-Qorti hi tal-fehma illi ghall-indagini ta' l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, u allura ta' l-istharrig ta' l-obbjezzjoni dwaru mill-appellanti, huwa opportun li wiehed jitlaq mid-definizzjoni li l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta (Kapitolu 352) jaghti lill-espressjoni "bastiment qieghed";

Kif espress fl-Artikolu 2 ta' l-Att, " 'bastiment qieghed' tfisser "bastiment li jkun f' xi post u li ma jkunx uzat regolarment skond l-uzu xieraq ghal dak ix-xorta ta' bastiment ghal zmien ta' aktar minn erbatax-il jum; u ghall-fini ta' din it-tifsira 'bastiment' tinkludi *floating dock*, *floating crane,* taghmir ta' salvatagg jew ta' rfiegh, sew fuq wicc il-bahar, mgharrqin jew immuntati fuq xi ingenji tal-bahar, u barkun, li jitmexxew b' mezzi mekkanici jew xort' ohra jew irmunkati, izda ma tinkludix xi dghajsa jew xi ingenji tal-bahar, uzati biss ghad-divertiment jew ghall-industrija tas-sajd, jew xi bastiment li jkun qieghed f' xi post biex jissewwa";

Ma jidhirx li jezisti kuntrast, u anzi hu accettat, illi l-bastiment *de quo* kien registrat bhala "*fishing vessel*".

Dan del resto jixhduh id-diversi dokumenti esebiti, senjatament ic-Certificate of Malta Registry (fol. 21) u d-diversi *renewals* tieghu (fol. 22 sa fol. 27). Jaghmlu prova wkoll il-licenzji emessi mid-Dipartiment tas-Sajd (fol. 29 sa fol. 31). In kwantu tali, il-bastiment ta' attur jikkwalifika ghall-effetti kollha ghall-ezenzjoni stabbilita fit-tifsira appena riprodotta. Fejn jiddivergu l-kontendenti jinsab fl-assunt ta' l-Awtorita` appellata illi hi kellha kull dritt tezercita d-diskrezzjoni taghha fit-termini tal-proviso tal-precitata definizzjoni;

Issa din il-proviso tipprovdi dan:

"Izda l-Awtorita` tista', ghall-finijiet ta' din it-tifsira, fid-diskrezzjoni taghha, tiddikjara li dghajsa jew ingenji tal-bahar ma jkunux uzati biss ghad-divertiment jew ghall-industrija tas-sajd, jew li l-bastiment ma jkunx qieghed ghat-tiswija, u kull bastiment bhal dak jitqies bhala bastiment qieghed";

Mir-rizultanzi istruttorji jidher li dak li nduca lill-Awtorita` appellata tezercita` tali diskrezzjoni kien bazat fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) L-ittra tas-7 ta' Lulju 2004 (fol. 42) mibghuta minnha lill-attur fejn fiha jinghad illi fuq il-parir tal-konsulenti legali taghha "*the vessel is to be charged laid up dues since there was no bona-fide reason to keep the vessel in port and therefore the Authority is not considering that the vessel is used solely in the fishing industry*";

(2) Ix-xhieda ta' Mark Caruana *qua* rapprezentant ta' l-Awtorita` li kkonferma illi la l-bastiment kien mitluq ma kien qed jintuza fl-ebda industrija u kwindi "jekk ma jkunx qed jigi uzat ihallas *laid up fees*" (fol. 49);

Qabel kull riflessjoni okkorrenti dwar il-posizzjoni assunta mill-Awtorita` appellata huwa xieraq li jigi ribadit illi s-setgha diskrezzjonali investita fl-Awtorita` mil-ligi ma tistax

titqies wahda assoluta. Dan ghal raguni illi dik l-istess diskrezzjoni trid dejjem tigi ezercitata fil-limiti tal-ligi u f' dawk il-limiti li mill-gurisprudenza gew senjati ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni. Primarjament, li l-Awtorita` hi tenuta timxi mhux biss "*rite*" imma anke "*recte*". Ara **Kollez. Vol. XXXII P II p 317** u **Vol. XLV P I p 110**;

Ipprecizat dan, kien certament jinkombi fuq il-Qorti li tezamina jekk din id-diskrezzjoni ta' l-Awtorita` appellata f' dan il-kaz gietx hekk ragonevolment adoperata u skond il-ligi;

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti jidher li l-Awtorita` avvicinat il-kwestjoni b' vizjoni skorretta tal-ligi, jekk mhux ukoll bi prekoncett legali li mpediha milli tezercita` d-diskrezzjoni taghha sewwa u b' mod regolari. Din id-deduzzjoni hi fondata fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-proviso tal-ligi aktar 'il fuq riportata;

Jidher fl-opinjoni tal-Qorti illi l-abbinament li l-ligi taghmel ghall-iskop ta' l-ezercizzju tad-diskrezzjoni hu dak fejn lill-Awtorita` jkun jirrizultalha illi l-bastiment ma jkunx qed jigi wzat biss (sottolinejar ta' din il-Qorti) ghall-industrija tas-sajd jew ghad-divertiment jew ma jkunx qed jissewwa. "Il-Miklem Malti" ta' Erin Serracino-Inglott ifisser il-kelma "biss" (fit-test Ingliz "*solely*") bhala "minghajr zjieda", "bla haga ohra maghha", u "mhux aktar minn hekk". Hu dan is-sinifikat naturali u ordinarju ta' din il-kelma, del resto l-ewwel regola ta' interpretazzjoni, li kellu jigi applikat ghall-fattispeci ta' dan il-kaz. Jikkonsegwi illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jassumi jew jinferixxi illi ghaliex bastiment tas-sajd ma jkunx qed jigi wzat ghal xi zmien, anke twil, dan necessarjament ikun ifisser illi dan mhux qed jintuza biss ghas-sajd imma ghal xi haga ohra skonnessa mas-sajd. Jekk kif issuggerit fl-ittra tas-7 ta' Lulju 2004 l-attur ma kienx in "*bona fide*" allura kien in mala fede u dan igib, skond il-principji generali tad-dritt, li l-prova dwar dan kienet taggrava fuq min jallega jew jinsinwa l-mala fede;

Fil-kaz in ezami, kif gja nghad, l-Awotirta` appellata ma gabetx il-prova illi l-bastiment ta' l-attur ma kienx qed jigi wzat biss ghall-industrija tas-sajd. Hi kkuntentat ruhha li tapplika d-diskrezzjoni taghha ghal fatt li l-bastiment ma kienx qed jigi wzat. Dan mhux l-istess haga bhal dak li tahseb u tipprovdi ghalih il-ligi. Ghall-fatt li l-Awtorita` ghamlet apprezzament errat tal-ligi ma jistax jitqies li d-diskrezzjoni taghha giet uzata sew u b' mod adegwat. Anzi, dik l-istess diskrezzjoni taghha tista' titqies vizzjata minn koncett zbaljat tal-vot ta' l-istess ligi. Dan ghaliex mhux ezatt dak li l-Awtorita` taghti x' tifhem bl-interpretazzjoni taghha tal-proviso tal-ligi ghall-fatti tal-kaz. Interpretazzjoni din adoperata minnha biex testendi s-sinjifikat tal-kliem uzati fil-proviso u, in kwantu tali, mhux lecitu li timponi ruhha fil-kuntest tad-definizzjoni u tal-fatti akkwiziti;

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma tarax il-htiega biex tinoltra ruhha fil-konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet l-ohra avvanzati mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement, qed tilqa' wkoll it-talba ta' l-attur kif dedotta fl-avviz u tikkundanna lill-Awtorita` appellata biex tirrifondi lura lill-attur is-somma minnu reklamata u minnu indebitament imhallsa bhala "*laid up dues*". L-istess Awtorita` appellata qed tigi ordnata thallas l-imghax mitlub mid-data tan-notifika ta' l-avviz (2 ta' Frar 2005) u l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------